Nru. 18,343
Prezz/Price
€0.19

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 18 ta' Novembru, 2008
Tuesday, 18th November, 2008

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 993

PUBBLIKAZZJONI TA' ABBOZZ TA' LIĠI FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Abbozz ta' Liġi li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Abbozz ta' Liġi Nru. 13 imsejjaħ Att ta' l-2008 li jemenda Diversi Liġijiet li jirrigwardaw Materji Ċivili (Emenda Nru. 2).

It-18 ta' Novembru, 2008

GOVERNMENT NOTICES

No. 993

PUBLICATION OF BILL IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Bill is published in the Supplement to this Gazette:

Bill No. 13 entitled the Various Laws (Civil Matters) (Amendment No. 2) Act, 2008.

18th November, 2008

Nru. 994

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (KONSUMATUR U KOMPETIZZJONI

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

No. 994

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (CONSUMER AND COMPETITION)

THE Permanent Secretary in the Ministry of Finance, the Economy and Investment has approved the following acting appointment:–

ISEM *NAME*	POŻIZZJONI *POSITION*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Mr Godwin Mangion	Aġent Direttur Ġenerali (Konsumatur u Kompetizzjoni) Acting *Director General (Consumer and Competition)*	Diviżjoni tal-Konsumatur u Kompetizzjoni *Consumer and Competition Division*	18-19.11.2008

It-18 ta' Novembru, 2008

18th November, 2008

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 118

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li bis-setgħat mogħtija bl-Avviż Legali 101/97, it-toroq imsemmija hawn taħt se jkunu meqjusa bħala Żoni ta' Rmonk fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

San Ġiljan

Nhar il-Ħamis, it-22 ta' Novembru 2008 mill-5.00 p.m. sat-Tnejn, l-1 ta' Diċembru 2008 fit-8.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Vjal Portomaso, il-Knisja minn kantuniera ma' Spinola sa kantuniera ma' Ross, Ross kantuniera ma' il-Knisja sa kantuniera ma' San Ġorġ.

Nhar l-Erbgħa, is-26 ta' Novembru, 2008 mill-5.00 p.m. sat-Tnejn, l-1 ta' Diċembru 2008 f'nofsinhar Triq Spinola mill-*one way traffic* se tintuża bħala *two way traffic*.

Vetturi li jinsabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż, ikunu soġġett li jiġu rmunkati.

It-18 ta' Novembru, 2008

POLICE NOTICE

No. 118

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated on the dates and times hereunder.

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

St. Julians

From Thursday, 22nd November 2008 at 5.00 p.m. till Monday, 1st December 2008 at 8.00 p.m. through the following streets: Vjal Portomaso, il-Knisja from corner with Spinola to corner with Ross, Ross from corner with il-Knisja to corner with San Ġorġ.

From Wednesday, 26th November 2008 at 5.00 p.m. till Monday, 1st December 2008 at noon Triq Spinola from one way traffic is going to be used as two way traffic,

Vehicles found in contravention of this notice are subject to be towed.

18th November, 2008

DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET

Eżami għall-Ingaġġ ta' Suldati Regolari u Bandisti fil-Forzi Armati ta' Malta (Forza Regolari) – 2008

L-Ewwel Parti: Suldati Regolari - Test Fiżiku
Bandisti - *Audition*

Id-Direttur tal-Eżamijiet jgħarraf illi l-avviżi msemmija hawn fuq intbagħtu lill-kandidati konċernati.

Dawk l-applikanti li ma rċevewx l-avviż huma mitluba biex jikkuntattjaw immedjatament lid-Dipartiment tal-Eżamijiet, il-Furjana fuq in-numru tat-telefon 25982216.

It-18 ta' Novembru, 2008

DEPARTMENT OF EXAMINATIONS

Examination for the Engagement of Regular Soldiers and Bandsmen in the Armed Forces of Malta (Regular Force) – 2008

Part I: Regular Soldiers - Physical Efficiency Test
Bandsmen - Audition

The Director of Examinations notifies that the above mentioned notices have been sent to the candidates concerned.

Those applicants who have not received the notice are invited to contact immediately the Department of Examinations, Floriana on telephone number 25982216.

18th November, 2008

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1764

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tal-31 ta' Ottubru 2008, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Mobisle Communications Limited (C24655) ta' Fra Diego Street, Marsa, ippreżentaw Talba, fit-30 ta' April 2008, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Alfred Chircop ta' 38, Windsor, Tas-Sliema, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €297.25 liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (352/08VGD) hija differita għat-2 ta' Diċembru 2008 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 17 ta' Novembru 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 31st October 2008, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Mobisle Communications Limited (C24655) of Fra Diego Street, Marsa filed a Claim on the 30th April 2008 whereby they asked the Tribunal to condemn Alfred Chircop of 38, Triq Windsor, Sliema, to pay the plaintiff company the sum of €297.25 which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 352/08VGD) is put off on the 2nd December 2008 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 17th November 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1765

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fit-23 ta' Ottubru 2008 ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Joseph sive Jo Said (ID 666049M) ta' Whitewalls/2, Selmun Road, Selmun, ippreżenta talba fil-25 ta' Frar 2008 fejn talab lill-Qorti sabiex tikkundanna lil Ivan Camilleri (ID360371M) ta' 1, Triq Santa Luċija, Sqaq Nru 4, Naxxar, sabiex tikkundanna lill-konvenut responsabbli ta' malafama fil-konfront tal-attur bil-pubblikazzjoni tal-artiklu MP goes to police over Blackmail – Criminal investigation launched ippublikat fil-faċċata u jkompli f'paġna 4 tal-ħarga ta' The Sunday Times tal-24 ta' Frar 2008 u tiġi kkundannat tħallas lill-attur dik is-somma li tiġi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti ai termini tal-Artikolu 28 tal-Att dwar l-Istampa (Kap. 248 tal-Liġijiet ta' Malta).

Għall-finijiet ta' kompetenza jiġi dikjarat li l-ammont pretiż ma jeċċedix is-somma ta' €11,646.87.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali.

Il-kawża (Avviż Nru 97/08SM) hija differita għat-3 ta' Diċembru 2008 fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 17 ta' Novembru 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Court of Magistrates (Malta) of the 23rd October 2008, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Articvle 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Joseph sive Jo Said (ID 666049M) of Whitewalls/2, Selmun Road, Selmun, filed a Claim on the 25th February 2008, whereby he asked the Court to condemn Ivan Camilleri (ID360371M) of 1, Triq Santa Luċija, Sqaq Nru 4, Naxxar, to condemn the defendant responsible for defamation as regards the plaintiff by the article MP goes to police over Blackmail – Criminal investigation launched published in the front page and continued on page 4 of The Sunday Times of the 24th February 2008 and that you will be condemned to pay the plaintiff that sum, that shall be liquidated by this Honorable Court in terms of Article 28 of the Press Act (Cap. 248 of the Laws of Malta)

For the purpose of jurisdiction it is declared that the amount claimed does not exceed the sum of €11,646.87.

With costs and legal interests.

The case (Notice Number 97/08SM) is put off to the 3rd December 2008 at 9.00 a.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 17th November 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1766

Ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) fl-10 ta' Novembru 2008, mill-Avukat Dott. Peter Caruana Galizia bħala mandatarju speċjali tal-assenti Anthony John Mangion, Passaport Ingliż numru 200888031, liema rikors iġib in-numru 743/2008, fejn talab li tiġi ddikjarata miftuħa favur il-mandanti tiegħu u cioè Anthony John Mangion u dan fl-intier kollu tagħha s-SUĊĊESSJONI ta' ANTONIO MANGION, ġuvni, iben il-mejtin Enrico u Rosina neè Grech, imwieled Valletta, kien joqgħod San Ġiljan u miet Tas-Sliema, fis-27 ta' Awissu, 2008, ta' 86 sena li kellu karta tal-identità numru 0673021(M) li miet bla testment u għalhekk ġie ordnat il-ħruġ ta' dan il-bandu biex ikun mgħarraf minn kull min ikollu x'jaqsam fih.

Kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex b'nota jagħmel l-oppożizzjoni tiegħu a tenur tal-Artikolu 537(1) et. seq. tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) illum 17 ta' Novembru, 2008.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by means of application, filed in the Civil Court (Voluntary Jurisdiction) on the 10th November 2008, by Advocate Dr Peter Caruana Galizia as special mandatary of the absentee Anthony John Mangion, English Passport number 200888031, which application bears the number 743/2008, wherein he asked that there be declared open in favour of his mandator and namely Anthony John Mangion, in its entirety the SUCCESSION of ANTONIO MANGION, bachelor, son of the late Enrico and Rosina neè Grech, born in Valletta, who resided in St Julians and died in Sliema, on the 27th August 2008, aged 86 years, and who had identity card number 0673021 (M) and who died intestate and therefore the issuing of the bann was ordered so that any interested party be notified.

Thus whosoever considers that he has an interest is called so that by means of a note he enters his opposition according to Article 537(1) et.seq. of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Registry of the Civil Courts (Voluntary Jurisdiction Section) today 17th November, 2008.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1767

AVVIŻ
MIR-REĠISTRU
TAL-PRIM' AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

Billi l-attur Grazio Spiteri (KI 0294150 (M) ippreżenta ċitazzjoni (Nru. 284/08 AF) fejn talab il-KORREZZJONI TAL-ATT TAT-TWELID numru 4359/1999 fir-Reġistru Pubbliku.

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ippreżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja taċ-ċitazzjoni hawn fuq imsemmija bil-ġurnata li tiġi mogħtija għas-smigħ tal-kawża.

B'ordni tal-Qorti,

Reġistru tal-Qorti Superjuri,
Illum 17 ta' Novembru 2008.

CHRISTINE FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

NOTICE
REGISTRY OF THE
CIVIL COURT, FIRST HALL

Whereas the plaintiff Grazio Spiteri (ID 0294150 (M) filed a writ-of-summons (No. 284/08AF) demanding CORRECTIONS in the ACT OF BIRTH number 4359/1999 in the Public Registry.

Whosoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filed in the Registry of these Courts, within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified by the service of a copy of the said writ-of-summons, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

By order of the Court,

Registry of the Superior Court,
This 17 of November 2008.

CHRISTINE FARRUGIA
For Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*